# IS-SUQ TAL-MOGĦOŻ

Ġużê il-Bus, bil-qiegħda fuq plier, ħdejn il-baħar, m'hux bogħod mid-dwana, sebaħ jistenna d-dgħajjes ta' Għawdex biex jara jiksibx xi mogħża, għax il-ġwież kien roħos u tħajjar iżid fil-merħla.

Il-ġeġwiġija ta' nies iddur ma' dwaru, taqbeż fid-dgħajjes, tħott, tgħabbi, tissejjaħ, titlewwem, ma għamlitx bih lil Ġużê għax moħħu kien f'ħaġa waħda, fid-dgħajsa tal-latini li feġġet minn wara l-Barrakka t'isfel.

Pupull tal-Qroqq resaq lejh u kif rah imberraq iħares lejn il-baħar, mingħajr ebda ħsieb tal-ġilba tan-nies u tal-għagħa ta' ma' dwaru, tektiklu b'subgħajh fuq dahru.—X'qatgħa tajtni—qal Ġużê.

—Kemm tinqata' mix-xejn, il-Għawdxin waslu ?

—Għad, imma resqin. Jaqaw tħajjart għal xi gidja int ukoll ?

—Aktar minn waħda ninħtieġ, is-suq jorbot.

—Dik il-lankenija ta' Girgor xtrajtha ?

—Xtrajtha u rġajt begħtha għax sibtha mxattra.

—Dnub, kellha xeħta sbejħa, għalja, fuq tagħha u midliela kif jogħġbu lili.

—Girgor kien begħli 'l oħtha wkoll, dik il-ħamra ta' l-imsielet, bi qrunha mqaċċta, tiftakarha ? Ma tafx ħliefha, kienet imżewqa u ftit ħoxna.

—Iva naf għal liema q'ed tgħid. Dik x'sar minnha ?

—Bdiltha Ħal-Luqa ma' waħda, il-ġmiel tagħha. Risqha ħażin kienet għax kelli nneħħiha ħin bla waqt. Tġelġlet bl-ikraħ wara anqas minn xahar.

F'dal-ħin, id-dgħajsa waslet u ħelu ħelu resqet mal-moll ħamsin pass bogħod minnhom. Telqu dlonk għal fuqha u resqu lejn il-qatgħa mgħoż imkenna wara t-tagħbija.

Resaq lejhom Brajġu u: "nħawwadlek x'erbgħa, Pupull? qallu.

—Jekk għandek tat-tajjeb u ma tagħfasnix wisq, nixtru, qal Pupull.

—Il-barka ! għandi erba' gidjien trid seba' għajnejn biex tarahom. Tgħid s'er ma nikkurdawx ? Ara dik is-safra, qattx rajt bħalha.

—Li ma kenitx muqrana iva.

—Qaċċathomlha.

—Le, fartasa rridha.

—Ara dil-bajda, taħleb sitt krateċ jekk iżżoqqha.

—Sbejħa—ftit drieghħa twil u dufrejha kbar, jaħasra.

—Dak m'hu xejn, x'jidhirlek Ġuż?

—Togħġobni, imma dik il-ħamra isbaħ.

—Li ma kenitx faqma, wiċċha ħelu wisq.

—U dik tgħidilha faqma? gidja donnha berqa, mejxa, widnejha daqs nitfa, ma ssibx oħra bħalha.

—X'se'n ngħidu?

—Jien, qal Ġużè, nieħu dawn it-tnejn. U jien, qal Pupull, nieħu dawn.

—Tafu taraw tassew. Erba' gidjien bħal dawk ftit ġew Malta. Taf kemm irrid? Tmienja u erbgħin skud il-waħda. Ara tnaqqsuli.

—Il-mogħoż sbieħ, imma t-talba tiegħek kerha. Jien aktar minn sitta u tletin ma natikx.

—Mhux bhejjem bħal dawk, ħamsa u erbgħin għax lilkom. L-anqas? Erbgħin tatuni.

—Tmienja u tletin. L-anqas ħabba iżjed.

—Newlu għax sebaħ, ir-risq u l-barka. Brajġu tħallas u dawk irħewlha għat-telgħa tal-Kurċifiss jitpaxxew bl-erba' bhejjem li xtraw.

—Dik il-ħamra, qal Ġużè tfakkarni f'dik li rkaptajt sentejn ilu. Kienet taħleb mal-ħames krateċ kull jum, sajf sħiħ. Qatt ma ninsiha.

—X'sar minnha?

—Ħadhieli tas-Sanità, jaħasra. Qal li kienet imniġġsa. Naħseb li tniġġżet mita bgħattha għand ir-raħħal, għax qabel ma kellha xejn.

—Iva, Ġuż, hekk jitniġġsu l-bhejjem, waħda minn l-oħra. Jekk iddaħħal mogħża marida, qattus il-fula, kollha jitġelġlu. Darba, il-barba xtara gidja b'irħis u joħroġ il-għaġeb, ma għaddhiex xahar li ma tmissitx il-merħla kollha. Tas-Sanità kien wissieh li dik il-mogħża ma kienx f'għajnu minnha u qallu biex ma jdaħħalhiex fil-maqjel.

—Dan li fihom dawn il-bhejjem igħalluk bl-ikrah.

—U l-lum is-sanità ma ttiniex nifs, biex tara l-merħla kollha sejra Lazzarett ma tridx wisq.

—Ħej, jibżgħu mid-deni rqiq. Jien ma nemminx li l-ħalib iġib id-deni, imma mur fehemhom.

—Jien ma kontx nemmen l-anqas. Taf x'ġagħilni nemmen? Dak li ġralu Majsi; għamnewwel kellu mogħża mniġġsa li naqqset minn l-ikel u għotbot u qabditha s-sogħla. Dan ma riedx joħroġ biha għall-parruċċani u biex ma jarmix il-ħalib ħaseb li jisqih 'l uliedu. Ħamsa minn l-ulied, donnhom pepprin, f'erba' ġimgħat il-koll inxteħtu f'sodda bid-deni rqiq u l-kbira mititlu.

—U iva, forsi m'hux mill-ħalib.

—Hu jew m'hux, jien 'l uliedi l-ħalib ta' dik il-mogħża ma kontx nisqihulhom.

—Jien tiela' minn hawn, Pupull—Saħħa u Alla jagħmel ir-risq.

—Lilek u lill-proxxmu kollu, Ġuż. Saħħa.

T. Z.